



Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Brussell, is-17 ta' Diċembru 2007

ASSEMBLEA PLENARJA

TAT-12 U T-13 TA' DIĊEMBRU 2007

SOMMARJU TA' OPINJONIJIET ADOTTATI

Il-verżjonijiet sħaħ ta' l-opinjonijiet tal-KESE huma disponibbli bil-lingwi uffiċjali mis-sit ta' l-internet tal-Kumitat bl-indirizz li ġej:

http://eesc.europa.eu/activities/press/summaries_plenaries/index_en.asp

F'din l-assemblea plenarja ħadu sehem **is-Sinjura Fischer Boel**, Kummissarju Ewropew, li tkellmet dwar l-istat ta' saħħa tal-PAK, u **s-Sinjura Reding**, Kummissarju Ewropew, li tkellmet dwar in-netwerks u s-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika. Barra minn hekk, matul din is-sessjoni ngħata l-premjura KESE 2007 għas-soċjetà ċivili organizzata lit-tliet rebbieħa.

1. L-ISTRATEĠIJA TA' LISBONA

• L-implimentazzjoni ta' l-istrateġija ta' Lisbona: sitwazzjoni attwali u prospettivi futuri

– **Rapporteurs:** Is-Sur van Iersel (Min ihaddem – NL)
Is-Sur Barabás (Interessi varji – HU)

– **Referenzi:** Opinjoni fuq inizjattiva proprja – CESE 1428/2007 fin – CESE 1715/2007

– Punti prinċipali:

Il-KESE jemmen li l-implimentazzjoni ta' l-aġenda ta' Lisbona ma tistax sempliċement tkun ristretta għall-politiċi, il-leġislaturi u l-gruppi ta' livell għoli. Għandu jkun **proċess għal kulħadd, ma' kulħadd u minn kulħadd**, għal żewġ raġunijiet:

- huwa rakkomandabbli li jsir kontribut minn diversi sezzjonijiet tas-soċjetà sabiex jiġu definiti l-aħjar approċċi possibbli;
- l-implimentazzjoni fl-Istati Membri tiddependi l-iktar fuq il-kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati kollha.

L-implimentazzjoni u kif din tiġi assicurata permezz ta' għanijiet konkreti, objettivi li jistgħu jitkejlu u skedi hija essenzjali. Is-soċjetà ċivili organizzata kollha kemm hi u speċjalment il-KES nazzjonali jistgħu jaqdu rwol effettiv fl-identifikar tan-nuqqasijiet u billi jgħinu fit-tfittxija tas-soluzzjonijiet.

L-skambji tal-fehmiet u l-prattiki bejn il-KES nazzjonali fir-rigward tal-PNR u l-aġenda ta' Lisbona jistgħu jkunu utli ferm. Il-KESE jista' joffri forum għal dawn.

Il-KESE jissuġġerixxi li l-Kunsill Ewropew jagħti mandat lill-KESE sabiex kull sena jippubblika rapport li jiġbor fih l-informazzjoni disponibbli dwar l-involviment tas-soċjetà ċivili organizzata u tal-KES nazzjonali, fejn jeżistu, fil-progress ta' l-istrateġija ta' Lisbona, li jkun jinkludi suġġerimenti konkreti u t-titjib mixtieq.

– **Persuna ta' kuntatt:** is-Sur Jüri Soosaar

(Tel.: 00 32 2 546 96 28 – posta elettronika: juri.soosaar@eesc.europa.eu)

2. IT-TQEGĦID TA' PRODOTTI FIS-SUQ

- ***It-tqegħid ta' prodotti fis-suq/Akkreditazzjoni u sorveljanza tas-suq***
 - Referenzi: COM(2007) 37 finali – 2007/0029 COD
- ***Qafas komuni għat-tqegħid ta' prodotti fis-suq***
 - Referenzi: COM(2007) 53 finali – 2007/0030 COD
- ***Prodotti mqiegħda fis-suq/Regoli nazzjonali li għandhom jiġu applikati fi Stat Membru ieħor***
 - Referenzi: COM(2007) 36 finali – 2007/0028 COD – CESE 1693/2007
 - Rapporteur: is-Sur Pezzini (Min Ihaddem – IT)
- **Punti prinċipali:**

Il-KESE jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tiffirma pakkett leġislattiv dwar is-suġġett sakemm hija tikseb għal kollox:

- implimentazzjoni effettiva u uniformi tal-prinċipju ta' l-għarfien reċiproku;
- sorveljanza tas-suq iktar b'saħħitha;
- sistema ta' akkreditazzjoni komuni Ewropea, li tipprovdi servizz pubbliku ta' interess ġenerali;
- livelli komuni ta' kompetenza għal korpi ta' ċertifikazzjoni akkreditati;
- kriterji ta' għażla iktar stretti u proċeduri ta' għażla aktar armonizzati għall-evalwazzjoni tal-konformità;
- kooperazzjoni sistematika, ikbar u li ma taqtax bejn awtoritajiet nazzjonali;
- protezzjoni legali ikbar għalil-marka KE, li tevita konfużjoni kka;żata mill-eżistenza ta' wisq marki;
- identifikazzjoni u definizzjoni sħiħa tar-responsabbiltajiet għal dawk kollha li jpoġġu prodotti fis-suq;
- qafas legali iktar uniformi b'konsistenza ikbar bejn it-testi eżistenti, b'livelli għoljin ta' konformità u burokrazija mill-inqas;
- garanzija tat-traċċabilità għal kwalunkwe prodott impoġġi fis-suq;
- applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju tal-proporzjonalità tar-responsabbiltajiet taċ-ċertifikazzjoni u l-proċeduri, b'mod partikulari fir-rigward ta' negozji żgħar u ta' prodotti mhux iffabbrikati bil-massa jew prodotti ffabbrikati fi kwantitajiet żgħar;
- involviment sħiħ ta' dawk kollha li jipparteċipaw fis-suq u b'mod partikulari, il-konsumaturi;
- dispożizzjoni espliċita għal mekkaniżmi ta' riżarċiment barra l-qorti, b'limiti ta' żmien u spejjeż imnaqqsin għall-minimu assolut.

- ***Persuna ta' kuntatt:*** is-Sur Jean-Pierre Faure
(Tel.: 00 32 2 546 96 15 – posta elettronika: jeanpierre.faure@eesc.europa.eu)

3. POLITIKA INDUSTRIJALI U TA' INNOVAZZJONI

- ***L-iżvilupp ta' l-industrija Ewropea tas-siment***

- **Rapporteur:** is-Sur Krzaklewski (Impjegati – PL)
- **Ko-rapporteur:** is-Sur Činčera (Kategorija 3 – CZ)
- **Referenzi:** Rapport ta' informazzjoni – CESE CESE 1041/2007 fin
- **Punti prinċipali:**

L-industrija tas-siment għandha impatt qawwi fuq l-ambjent minkejja l-applikazzjoni ta' strumenti u regolamenti adegwati f'dan is-settur, u l-azzjonijiet li jittieħdu bil-għan li jtejbu l-profil ekoloġiku tagħha stess.

Il-politika Ewropea dwar l-emissjonijiet tas-CO₂ għandha tinbidel sabiex tinkludi referenzi aktar dettaljati għall-partikularitajiet tas-settur u tqis aktar il-kuntest dinji. B'hekk tiġi evitata l-importazzjoni ta' dan il-prodott minn fabriki anqas effiċjenti li ma jinsabux fil-pajjiżi li ffirmaw il-Protokoll ta' Kyoto sabiex tintlaħaq iż-żieda fit-talba għas-siment.

F'dan il-kuntest, jekk l-istrumenti li qed jintużaw għall-ġlieda kontra l-bidla fil-klima ma jinbidlux u jittejbu, huma kapaċi jagħmlu l-ħsara mhux biss lill-kompetittività, iżda anke paradossalment lill-ambjent. Qabel jitqassmu d-drittijiet għall-emissjoni tas-CO₂ għandha ssir analiżi li tistabbilixxi miri sostenibbli, tevita d-distorsjonijiet tas-suq u tħeġġeġ lill-intraprendituri jtejbu l-effiċjenza ta' l-enerġija u b'hekk jitnaqqsu aktar l-emissjonijiet ta' CO₂. Is-Sistema Ewropea ta' l-Iskambju ta' Kwoti ta' l-Emissjonijiet (ETS) tista' taħdem biss b'mod effiċjenti fil-perijodu ta' wara l-protokoll jekk tiddaħħal f'pajjiżi li m'humiex fl-UE u tkun aktar adattata għas-suq dinji fil-livell settorjali.

Bl-użu tat-teknoloġija għall-kombustjoni ta' l-iskart u t-teknoloġiji l-ġodda li jlaqqgħu flimkien il-ġenerazzjoni ta' l-elettriku u l-produzzjoni tas-siment f'impjanti ibridi, dan is-settur jista' jgħin sabiex jitnaqqas l-użu tal-karburanti fossili u jiġu ppreservati r-riżorsi naturali.

Fl-aħħar, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-imsieħba soċjali Ewropej fis-settur tas-siment għandhom isaħħu d-djalogu fi ħdan dan is-settur kemm fil-livell Ewropew kif ukoll fil-livell nazzjonali, b'mod partikulari rigward il-problemi tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-kwistjonijiet bħat-taħriġ u t-tagħlim tal-ħiliet essenzjali għall-impjegati, ir-riskju ta' tnaqqis fil-postijiet tax-xogħol minħabba r-rilokazzjoni imminenti ta' l-intrapriżi f'pajjiżi li ma ffirmawx il-Protokoll ta' Kyoto, u t-tendenza dejjem tikber li s-siment jiġi impurtat minn dawn il-pajjiżi.

- **Persuna ta' kuntatt:** is-Sur Pol Liemans

(Tel.: 00 32 2 546 82 15 – posta elettronika: pol.liemans@eesc.europa.eu)

- ***Ir-regoli ambjentali u l-bidliet industrijali***

- **Rapporteur:** is-Sur Pezzini (Min Ihaddem – IT)
- **Corapporteur:** is-Sur Nowicki (Kategorija 3 – PL)

- **Referenzi:** Opinjoni fuq inizjattiva proprja – CESE 1709/2007

- **Punti prinċipali:**

Il-Kumitat jemmen li l-operaturi ekonomiċi u soċjali – kemm jekk huma pubbliċi kif ukoll jekk huma privati, il-politikanti u l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jagħrfu li bħalissa qegħdin niffaċċjaw rivoluzzjoni industrijali ġdida, fejn fil-qalba ta' l-iżvilupp qed jitpoġġew il-kwalità tal-ħajja u ta' l-ambjent, bidliet li jirrikjedu aproċċ ġdid u integrat lejn il-proġettar, il-produzzjoni u l-konsum u lejn il-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi naturali.

Il-Kumitat jemmen li hemm bżonn urġenti li nħallu warajna dak l-atteġġjament difensiv u reattiv u nġaddu għal ieħor sod u proattiv, fejn titħejja t-triq lejn il-futur permezz tat-tnedija ta' qafas ċar u stabbli għal azzjonijiet pożittivi u sostenibbli, fl-UE u fl-Istati Membri.

Il-Kumitat jemmen li huwa essenzjali li fil-livell ta' l-UE, l-inizjattivi industrijali ġodda u sostenibbli jiġu inkorporati fil-Fondi Strutturali, fl-innovazzjoni Komunitarja, fil-programmi ta' riċerka u ta' taħriġ u fl-istrumenti finanzjarji rilevanti.

Il-Kumitat ifakkar lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fil-bżonn li titħaffef il-proċedura ta' l-adozzjoni ta' miżuri konkreti ta' semplifikazzjoni sabiex jiġi eliminat ix-xogħol żejjed u sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż burokratiċi u tekniċi imposti mil-leġislażzjoni attwali. Il-leġislażzjoni għandha tiġi semplifikata u konsolidata għall-konsistenza.

Il-KESE u r-rappreżentanti ewlenin mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew spiss sostnew li huwa essenzjali li jitnaqqas il-piż amministrattiv u burokratiku minn fuq il-kumpaniji sabiex l-enerġija ekonomika u soċjali tagħhom tkun tista' toħroġ u tkun tista' titpoġġa mill-ġdid fuq il-modernizzazzjoni sostenibbli ta' l-ambjent u ta' l-istrutturi produttivi u organizzattivi.

- ***Persuna ta' kuntatt:***

Tel.: 00 32 2 546 86 28 – *posta elettronika:* cemi@eesc.europa.eu)

- ***L-iżvilupp tas-settur tal-karozzi fl-Ewropa***

- **Rapporteur:** is-Sur Zöhrer (Impjegati – AT)
- **Ko-rapporteur:** is-Sur Glahe (Kategorija 1 – DE)

- **Referenzi:** Rapport ta' informazzjoni – CESE CESE 1065/2007 fin

- **Punti prinċipali:**

Ir-rapport ta' informazzjoni jinvolti kemm il-produtturi finali (produtturi ta' tagħmir oriġinali/OEMs), u l-industrija tal-komponenti tal-vetturi bil-mutur.

Fir-rapport insibu analiżi ta' dan is-settur li hija orjentata lejn il-futur – issir enfasi u analiżi tat-tendenzi internazzjonali f' din l-industrija; ir-rapport jagħti ħarsa lejn l-iżvilupp ta' dan is-settur fl-Ewropa matul l-aħħar għaxar snin u jeżamina bir-reqqa l-produzzjoni attwali u l-figuri kummerċjali fl-Ewropa kemm għall-vetturi tal-passiġġieri kemm għal dawk kummerċjali.

Ir-rapport janalizza wkoll ir-rwol li għandhom il-produtturi tal-komponenti tal-karozzi u r-rwol li qiegħda taqdi din l-industrija fil-katina tal-valur u l-provvista tas-settur tal-vetturi bil-mutur. . Jagħti daqqa ta' għajn ukoll lejn ir-relazzjonijiet bejn il-produtturi tal-vetturi u l-produtturi tal-komponenti, kif ukoll lejn l-isfidi li ser ikollhom iħabbtu wiċċhom magħhom dawn ta' l-aħħar.

Il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-Kumitat huma dawn:

L-akbar sfida għas-settur tal-karozzi hija r-rikonċiljazzjoni bejn, minn naħa, in-neċessità tal-mobbiltà individwali u t-trasport tal-merkanzija u, min-naħa l-oħra, l-intensità tat-traffiku li qiegħda tilħaq il-limiti tagħha, l-impatt konsegwenti fuq l-ambjent, ir-riskji għas-sigurtà u l-iskarsezza tal-materja prima. .

Il-Kumitat iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tnedi djalogu wiesa' bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati mill-industrija, mis-soċjetà ċivili, mill-politika u mill-komunità xjentifika, fejn dawn jiddiskutu l-viżjonijiet tagħhom għal kunċett futur tat-trasport u għall-implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll l-iżvilupp ta' proġetti speċifiċi. L-għan ta' dan id-djalogu għandu jkun l-adozzjoni ta' approċċ integrat għal politika industrijali għdida fis-settur.

Minħabba l-limitazzjonijiet u n-nuqqasijiet fid-definizzjoni statistika ta' dan is-settur il-Kummissjoni qiegħda tintalab tagħmel analiżi aktar profonda ta' l-oqsma relatati ma' l-industrija tal-komponenti li għandhom ma ġewx analizzati u tat-tendenzi fil-qasam ta' l-impjieġ (l-opportunitajiet ta' xogħol, il-kwalifiki u l-kundizzjonijiet tax-xogħol).

Il-qafas regolatorju futur tas-settur tal-karozzi għandu jsegwi l-prinċipju ta' regolamentazzjoni aħjar. Ir-regoli legali neċessarji għandhom jiġu kkoordinati mill-Kummissjoni (u fost id-diversi Direttorati Ġenerali) u l-konsultazzjonijiet rilevanti għandhom jinvolve l-partijiet interessati sa minn stadju bikri.

Il-futur ta' l-industrija Ewropea tal-karozzi jinsab l-ewwel u qabel kollox f'kompetizzjoni bbażata fuq l-innovazzjoni u mhux fuq l-ispejjeż.

Hemm bżonn ta' kooperazzjoni akbar bejn il-produtturi finali, il-produtturi tal-komponenti, il-provvedituri tas-servizzi ta' l-inġinerija, l-universitajiet u l-kulleġġi tat-teknika.

– *Persuna ta' kuntatt: is-Sinjura Muñoz*

(Tel.: 00 32 2 546 83 73 – posta elettronika: amelia.munozcabezon@eesc.europa.eu)

- **Tratturi għall-agrikoltura – livell ta' storbu**
Opinjoni tal-Kategorija Ċ

- **Referenzi:** COM(2007) 588 finali – 2007/0205 COD – CESE 1695/2007

- **Persuna ta' kuntatt:** is-Sur João Pereira dos Santos

(Tel.: 00 32 2 546 92 45 – posta elettronika: joao.pereiradossantos@eesc.europa.eu)

- **Green Paper dwar żarmar aħjar tal-bastimenti**

- **Rapporteur:** is-Sur Adams (Interessi varji – UK)

- **Referenzi:** COM (2007) 269 finali – CESE 1701/2007

- **Punti prinċipali:**

Il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal azzjoni kemm fil-livell internazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali sabiex jinbidlu, kemm jista' jkun malajr, prattiki attwali ta' żarmar ta' bastimenti li m'humiex aċċettabbli.

Il-KESE jagħraf il-fatt li ż-żarmar ta' bastimenti li spiċċaw mis-servizz hija kwistjoni kumplessa li tirrigwarda l-kontribut importanti lejn l-impjiegi u r-riżorsi ta' materja prima li jibbenefikaw minnhom il-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u li joffru żarmar bl-irħis. Fl-istess waqt, il-Kumitat jagħraf li l-faqar strutturali u problemi soċjali u legali oħra f'din iż-żona tan-nofsinhar ta' l-Asja huma marbuta ma' l-assenza jew in-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' livelli minimi ta' sigurtà fuq ix-xogħol, livelli minimi fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ħarsien ta' l-ambjent.

Il-KESE jemmen li:

- Hija ta' importanza vitali li l-UE tiżgura li l-ħarsien marittimu u tas-sigurtà li imponiet, per eżempju għat-tankers b'buq singolu, ma twassalx sabiex il-ħsara tiġi sempliċement trasferita fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, iżda fil-fatt jiġi indirizzat bl-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolament dwar Trasport ta' l-Iskart bil-Baħar, li tinkorpora l-Konvenzjoni ta' Basel, inkluża l-Emenda tal-Projbizzjoni ta' Basel u l-prinċipji tagħha.

- Permezz ta' l-IMO, għandu jiġi stabbilit reġim internazzjonali b'saħħtu għall-identifikazzjoni, il-kontroll u r-rimi ta' bastimenti li spiċċaw mis-servizz. Dan ir-reġim għandu jkollu livell ta' kontroll ekwivalenti għal dak li hemm fil-Konvenzjoni ta' Basel: jinkorpora l-istandards kollha rilevanti ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO); ma jippermettix eżenzjonijiet u ma jħallix li bastimenti li spiċċaw mis-servizz bi skart perikoluż imorru f'pajjiżi li ma jkunu ikkonvenzjonati u li għandhom faċilitajiet li m'humiex adegwati.

- Madankollu, l-implimentazzjoni ta' ftehim ta' l-IMO bħal dan, jieħu diversi snin, u għalhekk

(i) programmi volontarji effettivi mis-sidien tal-bastimenti li jimminimizzaw problemi ta' rimi għandhom jiġu inkoraġġuti u appoġġjati; (ii) l-UE għandha tapplika b'mod ċar il-leġislazzjoni eżistenti billi tinforza r-Regolament dwar it-Trasport ta' l-Iskart bil-Baħar. Stati portwarji għandu jkollhom is-saħħa li jiddikjaraw li bastiment "spiċċa mis-servizz"; (iii) l-UE għandha tiżviluppa skema ta' ċertifikazzjoni u awditjar tal-partijiet terzi għal faċilitajiet ta' żarmar li huma sikuri u sani mil-lat ambjentali.

– Iddisinjar li huwa konxju mir-riċiklaġġ, li jidentifika l-perikli eżistenti u li kemm jista' jkun ibiddel materjali tossiċi mill-bastimenti meta jkunu qegħdin jinbnew, ikollu effett pożittiv fit-tul u l-KESE jappoġġja l-isforzi, kemm permezz ta' l-UE, l-IMO u s-sidien u l-bennejja tal-vapuri.

– **Persuna ta' kuntatt:** is-Sinjura Yvette Azzopardi

(Tel.: 00 32 2 546 98 18 – posta elettronika: yvette.azzopardi@eesc.europa.eu)

4. POLITIKA AGRIKOLA

- ***Ix-xogħol agrikolu transkonfinali***

– **Rapporteur:** is-Sur Siecker (Impjegati – NL)

– **Referenzi:** Opinjoni fuq inizjattiva proprja – CESE 1698/2007

– **Punti prinċipali:**

F'din l-opinjoni l-KESE jenfasizza li l-ħaddiema migranti għandhom jiġu ttrattati bħall-ħaddiema legali tal-post li jkunu qed jaħdmu magħhom f'kull aspett. Il-ħaddiema kollha għandhom jitħallsu bl-istess mod għall-istess xogħol, u għandu jkun hemm kundizzjonijiet aħjar fir-rigward tas-sigurtà soċjali. Din mhix biss kwistjoni soċjali għall-ħaddiema. Iżda hija wkoll ta' importantza ekonomika għal min iħaddem (għandu jkun hemm kompetizzjoni ugwali għal kulħadd) u ta' importanza finanzjarja għall-Istati Membri (għall-awtoritajiet fiskali).

Tħejjiet proposta għal direttiva mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill sabiex jiġu imposti sanzjonijiet fuq min iħaddem immigranti illegali minn pajjiżi terzi. Din il-proposta tinkludi kemm sanzjonijiet armonizzati għal min iħaddem u miżuri ta' prevenzjoni, kif ukoll definizzjonijiet ta' prattiki tajbin fl-applikazzjoni ta' sanzjonijiet għal min iħaddem, u l-iskambju ta' dawn il-prattiki tajbin bejn l-Istati Membri

Il-KESE huwa tal-fehma li d-Direttiva proposta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill li tinkludi sanzjonijiet armonizzati kontra min iħaddem immigranti illegali minn pajjiżi terzi għandha tkun tapplika wkoll għal min iħaddem ħaddiema minn pajjiżi ta' l-UE u li għadhom suġġetti għal restrizzjonijiet. Barra minn hekk, il-KESE jemmen li huwa essenzjali li l-UE għandha taċċerta

ruħha li d-Direttiva mhux biss iddaħħlet fil-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri kollha iżda li daħlet fis-seħħ ukoll.

Il-KESE bi pjaċir jinnota li l-Kummissjoni Ewropea approvat proposta għal studju li għandhom jagħmlu l-imsieħba soċjali Ewropej fl-industrija tal-kostruzzjoni dwar ix-xogħol (taparsi) indipendenti. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni ser tiffinanzja dan l-istudju.

- **Persuna ta' kuntatt:** is-Sur Jakob Andersen
Tel.: 00 32 2 546 96 46 – posta elettronika: jakob.andersen@eesc.europa.eu

- **L-impjiegi fis-settur agrikolu**

- **Rapporteur:** is-Sur Wilms (Impjegati – DE)
- **Referenzi:** Opinjoni fuq inizjattiva proprja – CESE 1699/2007
- **Punti prinċipali:**

F'din l-opinjoni l-KESE jenfasizza li s-suq tax-xogħol ta' l-UE jrid jiġi żviluppat b'mod sostenibbli għas-soċjetà. Fi kliem ieħor, kulħadd għandu jkollu ċ-ċans li jaqla' l-għajxa ta' kuljum permezz ta' xogħlu. Din l-opportunità qed tkun limitata miż-żieda ta' ħaddiema minn pajjżi mhux fl-UE li jitħallsu bi ftit flus. Irrispettivament mill-oriġini tagħhom, l-impjegati tas-settur agrikolu għandhom jirċievu trattament ugwali.

Għall-futur qrib il-KESE qiegħed jara dawn il-bżonnijiet:

- Għandu jkun hemm standards minimi li jirregolaw il-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-akkomodazzjoni tal-ħaddiema migranti kollha fl-Ewropa.
- Permezz ta' xogħolhom, il-ħaddiema migranti għandu jkollhom protezzjoni soċjali komprensiva. Dan jgħodd ukoll għat-talba għall-pensjoni.
- Il-ħaddiema staġjonali għandhom jiġu inklużi wkoll fi skemi sabiex itejbu l-kompetenzi tagħhom.
- Il-ħaddiema migranti għandhom jiġu informati dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol u dwar id-drittijiet tagħhom.

Fil-fehma tal-KESE, fis-settur agrikolu Ewropew jeżisti nuqqas ta' trasparenza fil-livell ta' l-impjiegi u fl-istandards soċjali. Dan iwassal għal distorsjonijiet fil-kompetizzjoni. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li ċ-ċertifikazzjoni ta' l-irziezet fuq il-bażi ta' kriterji soċjali hija wieħed mill-mezzi sabiex tkun tista' terġa' tiġi stabbilita l-kompetizzjoni ġusta.

- **Persuna ta' kuntatt:** is-Sur Jakob Andersen
(Tel.: 00 32 2 546 96 46 – posta elettronika: jakob.andersen@eesc.europa.eu)

- **Riforma ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid**

- **Rapporteur :** is-Sur Kienle (Min Ihaddem – DE)
- **Referenzi:** COM(2007) 372 finali – 2007/0138 CNS – CESE 1703/2007
- **Punti prinċipali:**

Il-KESE jenfasizza li l-vinikultura tipprovdi għajxien għal 1.5 miljun intrapriża fl-Unjoni Ewropea, il-biċċa l-kbira minnhom żgħar u tal-familja, u mill-inqas impjieg staġjonali għal iktar minn 2.5 miljun ħaddiem. Għaldaqstant, il-Kumitat jixtieq b'mod partikolari li r-riforma tagħti preferenza lill-miżuri li għandhom impatt pożittiv fuq id-dħul tal-produtturi ta' l-inbid u opportunitajiet ta' xogħol fis-settur ta' l-inbid Ewropew.

Il-Kumitat ma jħossx li t-tneħħija immedjata tal-miżuri ta' intervent tista' ssir. Għalhekk, jirrakkomanda li jingħataw għajnuniet fi ħdan il-pakketti nazzjonali matul il-“perijodu ta' tnaqqis gradwali” bejn l-2008 u l-2010 maħsuba għad-distillazzjoni sabiex jiġi prodott alkoħol potabbli u għall-appoġġ tal-ħżin privat.

Il-KESE jemmen li l-miżuri sabiex il-prattiki tal-produzzjoni ta' l-inbid ikunu konformi ma' l-istandards ta' l-OIV għandhom ikunu inkorporati b'iktar konsistenza fil-kuntest strateġiku ta' ftehimiet bilaterali jew internazzjonali tal-kummerċ. L-awtorizzazzjoni ta' kwalunkwe Prattika għal inbejjed importati li hija approvata f'post ieħor fid-dinja ser tkun f'kunflitt ma' l-allinjament eqreb propost għall-inbejjed Ewropej ma' l-istandards ta' l-OIV u ser twassal għal aktar distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni bidlet il-proposti tagħha dwar ir-regoli tat-tindif u naqqset il-baġit previst. It-tindif għandu jkun offrut bħala miżura volontarja għat-tneħħija tad-dwieli mill-art li ma hijiex adattata għall-vinikultura u bħala difiża kontra l-effetti soċjali ta' l-irtirar mill-produzzjoni ta' negozji li m'għadhomx vijabbli.

Il-KESE huwa kuntent li l-Kummissjoni bidlet l-iskadenzi oriġinali tagħha għal liberalizzazzjoni tar-regoli tat-taħwil. Madankollu, il-KESE għadu kontra l-liberalizzazzjoni sħiħa - anke fil-futur - peress li din tipperikola l-oġettivi ekonomiċi, soċjali, ambjentali u tal-manutenzjoni tal-pajsaġġ li jagħmlu parti mir-riforma tas-suq ta' l-inbid. Ma huwiex aċċettabbli li l-produzzjoni ta' l-inbid tiġi ttrasferita minn pajsaġġi ta' valur kulturali li ħalaq il-bniedem għall-vinikultura għal żoni li huma irħas sabiex jiġu ikkoltivati, minħabba r-responsabilità ġenerali għall-impjieg, l-ekonomija u l-infrastruttura tar-reġjuni li jipproduċu l-inbid, il-fibra soċjali, l-ambjent, u l-ħarsien tan-natura.

Il-KESE jappella lill-Kummissjoni sabiex fil-pakketti baġitarji nazzjonali tikkunsidra l-promozzjoni ta' l-informazzjoni għall-konsumatur u l-miżuri ta' promozzjoni mhux biss fis-swieq ta' l-esportazzjoni iżda wkoll fis-suq intern. Meta jiġi kkunsidrat dan il-għan, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-għoti ta' tagħrif komprensiv dwar il-benefiċċji tal-konsum moderat ta' l-inbid bħala parti integrali minn dieta tajba u stil ta' ħajja modern. Il-KESE

jenfasizza li kwalunkwe informazzjoni u miżuri promozzjonali għandhom jinkludu l-prodotti kollha li jsiru mill-għeneb.

- **Persuna ta' kuntatt:** *Is-Sur Arturo Iñiguez Yuste*
(Tel.: 00 32 2 546 87 68 – posta elettronika: pierluigi.brombo@eesc.europa.eu)

- **Agrikoltura fiż-żoni bi żvantaġġi naturali speċifiċi**

- **Rapporteur:** is-Sur Bros (Interessi varji – FR)
- **Referenzi:** opinjoni addizzjonali fuq inizjattiva proprja – CESE 1704/2007
- **Persuna ta' kuntatt:** *Is-Sur Arturo Iñiguez Yuste*
(Tel.: 00 32 2 546 94 54 – posta elettronika: leonora.dinicolantonio@eesc.europa.eu)

5. PROTEZZJONI SOĊJALI

- **Il-Promozzjoni tas-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet**

- **Rapporteur:** is-Sur Jahier (Interessi varji – IT)
- **Referenzi:** COM(2007) 244 finali – CESE 1711/2007
- **Punti prinċipali:**

Il-KESE jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, li tippreżenta aġenda operattiva konkreta sabiex l-Alleanza għall-familji prospettiva jkollha saħħa. Għalhekk wieħed irid joqgħod attent li ma naqgħux fil-periklu li din il-linja ġdida ta' ħidma tiġi marġinalizzata.

B'mod aktar ġenerali hemm bżonn li jiġi rikonoxxut b'mod pragmatiku l-kontribut prattiku u sostanzjali li l-familji jkomplu jiggarrantixxu lis-soċjetajiet tagħna. Il-KESE jqis lil-ħolqien ta' l-Osservatorju ta' prattiċi tajba fil-qasam tal-politiki tal-familja fi ħdan il-Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, għandu jkun meġħjun.

Wieħed, imbagħad irid joqgħod attent sabiex l-enfasi prinċipali ta' dan l-osservatorju ma taqax biss fuq kwistjonijiet familjari relatati mal-ħajja tax-xogħol, iżda tkunu indirizzata pjuttost lejn l-iżvilupp ta' għarfien preċiż tal-ħtiġijiet tal-familja u tal-ġenerazzjonijiet. Tidher li timmerita attenzjoni partikolarment il-proposta għal reviżjoni tar-rata tal-VAT fuq oġġetti għat-trabi.

- **Persuna ta' kuntatt:** *is-Sur Pierluigi Brombo*
(Tel.: 00 32 2 546 97 18 – posta elettronika: pierluigi.brombo@eesc.europa.eu)

- **Annimali domestiċi/Kundizzjonijiet sanitarji**
Opinjoni tal-Kategorija Ċ
- **Referenzi:** COM(2007) 572 finali – 2007/0202 COD – CESE 1705/2007
- **Persuna ta' kuntatt:** Is-Sur Arturo Iñiguez Yuste
(Tel: 00 32 2 546 94 54 – posta elettronika: leonora.dinicolantonio@eesc.europa.eu)

6. MIGRAZZJONI

- **Migrazzjoni u żvilupp: opportunitajiet u sfidi**
- **Rapporteur:** is-Sur Sharma (Interessi varji – UK)
- **Referenzi:** Opinjoni fuq inizjattiva proprja – CESE 1713/2007
- **Punti prinċipali:**
 - L-opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-KESE bit-titlu *Migrazzjoni u żvilupp: opportunitajiet u sfidi* tanalizza kif il-migrazzjoni tista' titqies bħala għodda għall-iżvilupp.
 - Il-KESE jikkonkludi li l-migranti jaqdu rwol essenjali fis-solliev tal-faqar fil-pajjiżi ta' l-oriġini permezz tat-trasferimenti u r-rimessi.
 - Sabiex jitejeb l-impatt ta' dawn ir-rimessi huwa rrakkomandat li jittieħdu passi bl-iskop li jitnaqqsu l-ispejjeż ta' tranżazzjoni tar-rimessi u jiġi ffaċilitat il-fluss tagħhom.
 - L-opinjoni tal-Kumitat tagħmel enfasi fuq ir-rwol importanti tal-komunitajiet tad-dijaspora għall-kożvilupp tal-pajjiżi ta' l-oriġini tagħhom fuq perijodu medju jew twil ta' żmien.
 - F'dan il-kuntest huwa jirakkomanda li l-komunità internazzjonali u l-aġenziji ta' żvilupp jikkooperaw aktar mal-komunitajiet tad-dijaspora sabiex jgħinuhom iżidu l-ħila tagħhom.
 - **Għal dan il-għan, il-Kumitat jappoġġja l-ħolqien ta' Fond tal-Migrazzjoni u Żvilupp.**
 - Il-KESE jqanqal lill-partijiet interessati kollha sabiex jieħdu passi li jtaffu l-effetti negattivi tat-telf ta' l-aħjar imħuħ.
 - Il-KESE jisħaq li l-iffaċilitar fil-migrazzjoni ċirkolari u virtwali tgħin fil-bini tal-kapaċitajiet tal-komunitajiet tad-dijaspora, filwaqt li toħloq ukoll bank intellettuali fil-pajjiżi ta' l-oriġini.
 - Il-Kumitat isejjaħ għal aktar attenzjoni fuq l-istrateġiji reġjonali fil-qasam tal-migrazzjoni u l-iżvilupp, bħal per eżempju l-istrategji li diġà għandha l-Unjoni Afrikana.
 - Jirakkomanda l-integrazzjoni tal-migrazzjoni u l-iżvilupp f'oqsma ta' politika rilevanti oħra.
 - Il-Kumitat jisħaq fuq il-koerenza bejn il-politiki nazzjonali ta' l-Istati Membri u l-politiki ta' l-UE dwar il-migrazzjoni.
- **Persuna ta' kuntatt:** is-Sinjura Susanna Baizou
(Tel.: 00 32 2 546 98 45 – posta elettronika: susanna.baizou@eesc.europa.int)

7. IR-RWOL TAS-SOĊJETÀ ĊIVILI ORGANIZZATA FIL-MOLDOVA

- ***Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Moldova: X'inhu r-rwol tas-soċjetà ċivili?***

- **Rapporteur:** is-Sinjura Pichenot (Interessi varji – FR)

- **Referenzi:** Opinjoni fuq inizzjattiva proprja – CESE 1714/2007

- **Punti prinċipali:**

Il-KESE jfakkar b'insistenza kemm is-suċċess tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Moldova fil-qafas tal-politika tal-viċinat huwa marbut mal-kapaċità li jiġu assoċjati u li jingħataw iċ-ċans jipparteċipaw l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tiegħu.

Il-KESE jirrakkomanda li tinbena relazzjoni soda mas-soċjetà ċivili tal-Moldova fi proċess ta' progress billi tinbena strutturazzjoni tar-relazzjonijiet tagħna. Għaldaqstant il-KESE ser jorganizza avveniment li jinvolti l-atturi lokali u reġjonali, bil-għan li:

- jevalwa l-mekkaniżmi ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni eżistenti fil-Moldova kemm min-naħa tal-Gvern kif ukoll min-naħa Ewropea u inkluża l-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni (2005-2008);
- jipprepara u jħarreġ is-soċjetà ċivili sabiex is-sħubija tibqa' tiġi segwita wara l-2008.

Il-KESE jixtieq li s-soċjetà ċivili tal-Moldova tipparteċipa b'mod aktar effettiv fid-djalogu mal-Balkani tal-Punent u fid-djalogu reġjonali tal-Baħar l-Iswed, l-aktar permezz tal-kooperazzjoni inter-reġjonali u transkonfinali madwar dan l-ispazju strateġiku fil-futur qrib. Il-kooperazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Moldova tista' titqies fil-qafas ta' kooperazzjoni kkonsolidata mal-pajjiżi ġirien u b'mod partikulari mar-Russja.

- **Persuna ta' kuntatt:** is-Sur Raffaele Del Fiore

(Tel.: 00 32 2 546 97 94 – posta elettronika: raffaele.delfiore@eesc.europa.eu)

8. ŻVILUPP SOSTENIBBLI

- ***Nadattaw għall-bidla klimatika – Alternattivi għall-azzjoni ta' l-UE (Green Paper)***

- **Rapporteur:** is-Sur Osborn (Interessi varji – UK)

- **Referenzi:** COM (2007) 354 finali – CESE 1702/2007

- **Punti prinċipali:**

Fil-fehma tal-KESE, l-istrateġiji ta' adattament Ewropej u nazzjonali għandhom jindirizzaw il-punti ewlenin li ġejjin:

- L-istrateġiji għandhom jittrattaw l-ippjanar marbut mas-suġġetti kollha identifikati fil-Green Paper, inklużi l-ħarsien tal-kosta, l-għargħar u n-nixfa, ir-riżorsi ta' l-ilma, in-nirien, is-saħħa pubblika, l-agrikoltura u l-bijodiversità, l-użu ta' l-art u l-ippjanar ta' l-infrastruttura, il-bini u l-kostruzzjoni, eċċ.
- Fi ħdan il-programmi futuri, il-bżonn ta' adattament għandu jirċievi parti ferm ikbar tal-baġits Ewropej, u għandu jiġi inkluż fil-kriterji ta' evalwazzjoni tal-programmi u tal-proġetti.
- L-Ewropa u l-Istati Membri tagħha għandhom jallokaw ammont sostanzjali ta' riżorsi ġodda u addizzjonali biex jippromovu l-adattament fil-pajjiżi li jinsabu fil-proċess ta' żvilupp;
- L-istrateġiji ta' mitigazzjoni u adattament għandhom jaqblu u jikkomplementaw lil xulxin.
- L-evalwazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju għandhom ikunu għodda kruċjali għat-twaqqif tal-prijoritajiet.
- Ir-riċerka Ewropea dwar l-impatti tal-bidla fil-klima u l-adattament għandha tiżdied b'mod konsiderevoli.
- Is-soċjetà ċivili Ewropea, inklużi l-konsumaturi u l-pubbliku ġenerali, għandha tiġi inkluża b'mod iktar wiesa' sabiex jikber il-fehim pubbliku tal-problemi marbutin mal-bidla fil-klima kif ukoll tal-bidliet fl-imġiba li ser ikunu neċessarji sabiex intaffu l-bidla fil-klima u nadattaw għall-bidliet li issa huma inevitabbli.
- Għandu jiġi stabbilit korp ta' konsultazzjoni indipendenti li jsegwi l-progress li jsir fl-ambitu ta' l-adattament għall-bidla fil-klima u l-miżuri ta' mitigazzjoni fl-Ewropa u li jżomm il-perssoni għall-azzjoni neċessarja u l-implimentazzjoni ta' l-impenji meħudin.

– **Persuna ta' kuntatt:** *is-Sinjura Annika Korzinek*
(Tel: 00 32 2 546 80 65 – posta elettronika: annika.korzinek@eesc.europa.eu)

• ***Strumenti bbażati fuq is-suq għall-ambjent u għanijiet ta' politika relatati (Green Paper)***

- **Rapporteur:** is-Sur Ribbe (Interessi varji – DE)
- **Referenzi:** COM(2007) 140 finali – CESE 1697/2007
- **Punti prinċipali:**

Minkejja li l-Kumitat japprova l-punti li fil-fehma tiegħu huma pertinenti u ġusti, jixtieq li l-Green Paper, liema preparazzjoni damet għaddejja u l-pubblikazzjoni ddewmet b'mod repetut, wasslet għal aktar ċarezza fl-użu ppjanat ta' l-istrumenti bbażati fuq is-suq. L-istrumenti bbażati fuq is-suq huma mfissra bħala taxxi, tariffi u sistemi ta' permessi negozjabbli.

Għalhekk il-Kumitat jistieden lill-Kummissjoni sabiex tuża d-dibattitu pubbliku li tqajjem mill-Green Paper bħala opportunità sabiex tistabilixxi, permezz ta' eżempji speċifiċi u konkreti, il-potenzjal u l-effetti iżda wkoll il-limiti tad-diversi strumenti għall-protezzjoni ta' l-ambjent. Iż-żmien daħal sewwa biex jiġi organizzat dibattitu dwar it-tnaqqis tat-tassazzjoni fuq l-impjeg u dwar il-kumpens għal dan bi dħul mit-tassazzjoni ta' attivitajiet li huma ta' dannu għall-ambjent.

Il-KESE jikkunsidra estermament importanti li jiġi ppreżentat, kemm jista' jkun malajr, is-sondaġġ previst dwar sussidji perikolużi għall-ambjent u li dawn is-sussidji jitneħħew mill-aktar fis possibbli. Il-Kumitat jemmen li dawn is-sussidji jxekklu b'mod sinjifikanti l-kompetizzjoni u huma miżallokazzjoni kompletament inaċċettabbli tal-fondi pubbliċi.

– **Persuna ta' kuntatt:** *is-Sur Arturo Iniguez Yuste*
(Tel: 00 32 2 546 87 68 – posta elettronika: : arturo.iniguez@eesc.europa.eu)

• ***Ir-rwol tal-Kunsilli Nazzjonali għall-Iżvilupp Sostenibbli***

- **Rapporteur:** is-Sur Haken (Interessi varji – CZ)
- **Referenzi:** Opinjoni fuq inizzjattiva proprja – CESE 1700/2007
- **Punti prinċipali:**

Wara ħarsa ġenerali lejn il-Kunsilli Nazzjonali fl-UE, jidher ċar li l-qagħda hija waħda eteroġenea ħafna. Filwaqt li xi Stati Membri m'għandhom l-ebda kunsill jew għandhom biss kunsilli inattivi, dawk li huma attivi jvarjaw ħafna minn xulxin fir-rigward tal-kompiti, il-kompożizzjoni, l-indipendenza u r-riżorsi tagħhom kif ukoll fir-rigward ta' l-impatt ta' ħidmithom.

Fid-dawl ta' l-esperjenzi pożittivi fl-Istati Membri li għandhom kunsilli nazzjonali “b'saħħithom”, il-KESE jsejjaħ lill-Istati Membri kollha sabiex isaħħu l-kunsilli tagħhom jew joħlqu kunsilli operattivi u effettivi fejn dawn għadhom ma jeżistux.

Il-KESE jirrakkomanda li l-kunsilli:

- għandhom jinkludu rappreżentanti mis-setturi ewlenin kollha tas-soċjetà kkonċernati;
- għandu jkollhom livell għoli biżżejjed ta' indipendenza mill-gvern;
- għandhom jaqdu rwol importanti fit-tnejn ta' strateġiji għall-iżvilupp sostenibbli u fil-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tagħhom;
- għandhom ikunu ffinanzjati b'mod suffiċjenti sabiex ikunu jistgħu jipprovdu valur miżjud reali għad-dibattiti u l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

- għandhom jaqsmu l-esperjenza tagħhom bejniethom, jagħmlu skambju ta' l-aħjar prattika u jżommu djalogu miftuħ bejn il-kunsilli, partikularment permezz tat-tisħiħ ta' l-EEAC (in-netwerk tal-Kunsilli Konsultattivi Ewropej għall-Ambjent u l-Iżvilupp Sostenibbli).

– **Persuna ta' kuntatt:** *is-Sinjura Annika Korzinek*
(Tel: 00 32 2 546 80 65 – posta elettronika: annika.korzinek@eesc.europa.eu)

9. PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

- ***Il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet***

Opinjoni tal-Kategorija Ċ

– **Referenzi:** COM(2007) 611 finali + 613 finali – 2007/0212/0213 COD – CESE 1706/2007

– **Punti prinċipali:**

Il-KESE japprova l-kontenut ta' dawn il-proposti u huwa tal-fehma li ma jirrikjedu l-ebda kumment min-naħa tiegħu.

- Il-Kumitat ser jippreżenta l-fehmiet tiegħu fuq il-kontenut tal-proposta tal-Kummissjoni dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar¹ f'opinjonijiet² li qed tittejjja bħalissa u li hi skedata għal adozzjoni fis-Sessjoni Plenarja tal-Kumitat f'Marzu 2008.

– **Persuna ta' kuntatt:** *is-Sinjura Maarit Laurila*
(Tel.: 00 32 2 546 97 39 – posta elettronika: maarit.laurila@eesc.europa.eu)

10. KOEŻJONI SOĊJALI

- ***Ir-Raba' Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali***

– **Rapporteur:** *is-Sur Derruine (Impjegati – BE)*

– **Referenzi:** COM(2007) 273 finali – CESE 1712/2007

– **Punti prinċipali:**

Dan ir-raba' rapport, li ġie ppubblikat bejn żewġ perijodi ta' programmazzjoni, jippreżenta analiżi ta' l-impatt preliminarja tal-politika ta' koeżjoni ta' l-UE matul il-perijodu 2007-2013. Hija għalhekk analiżi tar-riżultati miksuba sa issa u fl-istess ħin il-punt tat-tluq għad-diskussjonijiet futuri.

¹ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikar, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet, u li temenda d-Direttiva 67/548/KEE u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 – COM (2007)355 finali.

² NAT/367 – Rapporteur: *is-Sur Sears*.

Il-KESE jfaħħar il-Kummissjoni Ewropea għall-kwalità tajba u d-dettall li rnexxielha tinkorpora f' dan ir-rapport; japprova wkoll l-inizjattiva li nediet il-Kummissjoni sabiex jiġi organizzat dibattitu wiesa' dwar il-futur tal-politika ta' koeżjoni; l-opinjoni tiegħu twieġeb għal numru ta' mistoqsijiet li għamlet il-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni temmen li d-differenzi fl-Ewropa naqsu u qed ikomplu jonqsu. Ir-rapport iħabbar li sal-bidu tal-perijodu ta' programmazzjoni li jmiss 9 mit-12-il Stat Membru li ssiehu fl-2004 u fl-2007 ser ikunu qabżu l-livell tal-75 % tal-PGD Ewropew per capita – dan il-kriterju ta' referenza ser ikun inqas rilevanti fil-politika ta' koeżjoni. Il-KESE jaħseb li jaqbel nibdew naħsbu minn issa dwar din il-kwistjoni.

Inkwantu l-indikaturi ekonomiċi li jintużaw fil-politika ta' koeżjoni, Il-KESE jipproponi analiżi ta' jekk jagħmilx aktar sens li, matul il-fażi tat-tqassim tal-Fondi Strutturali li jmiss, jintuża d-Dħul Gross Nazzjonali (DGN) bħala indikatur ekonomiku minflok il-PGD. L-għan ta' dan huwa li jkun hemm stampa aktar ċara tal-livell ta' għajxien fir-reġjuni fil-waqt li jitwarrbu l-iżbalji statistiċi marbuta mall-ħaddiema li jaqsmu frontiera sabiex jilhqqu l-post tax-xogħol tagħhom (commuters) u ma' l-investimenti diretti barra mill-pajjiż. Dawn it-tnejn ikabbru l-PGD ta' reġjun iżda mhux il-ġid għax (a) il-commuters jonfqu d-dħul tagħhom fir-reġjun ta' oriġini tagħhom u (b) ħafna drabi l-profitti li jsiru jergħu jmorru lura għand il-kumpanija oriġinali.

Fl-opinjoni tal-KESE hemm tliet mapep ta' l-ESPON (European Spatial Planning Observation Network) juru ż-żieda kontinwa fil-polarizzazzjoni u l-“metropolitanizzazzjoni” sa l-2030 jekk l-istrateġija ta' Lisbona tibqa' miexja fuq l-orjentazzjonijiet attwali. L-EPSON ikkalkula wkoll sitwazzjoni ffokata l-aktar fuq il-koeżjoni, u fil-mappa rilevanti wieħed jista' jara kif il-fulkru ta' l-ekonomija jkun jista' jinfirex u, barra minn hekk, jkunu jistgħu jinħolqu wkoll ċentri oħra ta' żvilupp (ir-reġjuni madwar il-Baħar Baltiku, żona fuq in-naħa tal-lvant li tinkludi Vjenna, Berlin, Varsavja u Budapest, in-naħa ta' isfel ta' Franza u l-Katalonja). F'dan ir-rigward, il-KESE jixtieq ifakkar fl-importanza ta' l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' poliċentriżmu f'żewġ livelli fil-kuntest ta' żvilupp armonjuż sabiex nevitaw l-effetti ħżiena tal-polarizzazzjoni.

Il-KESE jittratta wkoll il-kwistjoni ta' sħubija u jiddispjaċih ħafna li din il-konsultazzjoni ma tittrattax is-sehem ta' l-imsieħba soċjali u tas-soċjetà ċivili organizzata fil-ħolqien, l-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Fond Strutturali. Fil-livell nazzjonali u reġjonali għandha titejjeb il-konsultazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; b'mod partikulari, għandu jkun hemm żmien biżżejjed għal reazzjonijiet dwar id-dokumenti u r-rimarki dwarhom għandhom jittieħdu b'iktar serjetà.

– *Persuna ta' kuntatt: (DE-I)s-Sur Marco Thyssen*
(Tel.: 00 32 2 546 84 11 – posta elettronika: marco.thyssen@eesc.europa.eu)

11. TASSAZZJONI

• *It-territorjalità tal-liġi fiskali u l-bidliet industrijali*

Greffe CESE 190/2007

EN/FR/IT-DM/AZ/nm

.../...

- **Rapporteur:** is-Sur Schadeck (Interessi varji – LU)
- **Ko-rapporteur:** is-Sur Gay (Kategorija 1 – FR)

- **Referenzi:** Opinjoni fuq inizzjattiva proprja – CESE 1708/2007

- **Punti prinċipali:**

Huwa importanti li nieħdu ħsieb li t-territorjalità tal-liġi fiskali jkollha impatt pożittiv fuq il-bidliet industrijali. Madankollu, il-KESE josserva li t-tassazzjoni m'hijiex fattur determinanti meta l-SMEs jieħdu deċiżjonijiet marbutin ma' l-investment. Ir-rwol tagħha huwa ferm iktar importanti fil-kumpaniji multinazzjonali.

Il-kompetizzjoni fiskali bejn l-Istati Membri ġġib magħha l-ħtieġa ta' regoli dwar it-trasparenza, l-indikaturi adattati u l-identifikazzjoni ta' abbużi u prattiki li jkun ta' ħsara. In-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn is-sistemi nazzjonali twassal għal non-tassazzjoni, abbużi u distorsjonijiet oħra fit-tħaddim tas-suq intern. Din il-qagħda tista' twassal ukoll sabiex id-dħul globali mit-taxxi fl-UE jiġi destabilizzat, jew saħansitra jitnaqqar. Kompetizzjoni fiskali bla limiti bejn l-Istati Membri ta' l-UE tista' ġġib magħha r-riskju li l-persuni l-inqas mobbli li jħallsu t-taxxa jiddaħħlu f'bażi tat-taxxa aktar dejqa, u li twassal għat-tqassim mill-ġdid tal-piż fiskali. Il-punt ta' l-aħħar jista' jkun ta' ħsara għall-koeżjoni soċjali. L-SMEs u l-kumpaniji tas-servizzi huma l-anqas attrezzati sabiex jibbenefikaw mill-kompetizzjoni fiskali. Il-Kumitat jissuġġerixxi li jitnedew servizzi ta' appoġġ biex jgħinu lil dawn il-kumpaniji fit-tkabbir tagħhom fuq livell internazzjonali.

It-trasferiment tal-piż tat-taxxa għal fuq il-fatturi tal-produzzjoni l-anqas mobbli jista' jwassal lin-negozji kkonċernati sabiex ikunu anqas kompetittivi. Dan it-trasferiment tal-piż jista' jkun ta' dannu għar-rata tat-tkabbir tal-PGD nazzjonali, li jista' jwassal għal tnaqqis fil-kapaċità ta' l-investment pubbliku. Għalkemm il-kompetizzjoni fiskali twassal sabiex kull Stat Membru jtejjeb il-kontroll tiegħu fuq l-infiq pubbliku, dan m'għandux isir la għad-detriment tal-firxa tas-servizzi pubbliċi u lanqas tal-protezzjoni soċjali.

Il-KESE jappoġġja l-impenn ta' l-Istati Membri li, sa mhux aktar tard mill-2010, jeliminaw is-sistemi fiskali ta' ħsara, u jsejjaħ lill-Kummissjoni sabiex, f'dan ir-rigward, tissokta fil-ħidma tagħha. Jappoġġja wkoll il-politika tal-Kummissjoni li għandha l-mira li tassigura li l-għajnuna mill-Istat, inklużi l-benefiċċji fiskali selettivi għan-negozji, isservi sabiex jintlaħqu għanijiet sostenibbli ta' bidliet industrijali u ta' żvilupp reġjonali, filwaqt li tibqa' kompatibbli mal-politika tal-kompetizzjoni.

Il-Kumitat jemmen li l-introduzzjoni ta' bażi fiskali korporattiva komuni u konsolidata (CCCTB) għandha twassal sabiex jinkiseb l-akbar benefiċċju possibbli mis-suq intern, filwaqt li jhars is-sovranià finanzjarja u fiskali ta' l-Istati Membri. Jidhirlu li dan il-proġett fakultattiv għandu jiġi adottat mill-ikbar għadd possibbli ta' Stati Membri u li dawn għandhom jispiċċaw japplikaw sistema waħda ta' bażi fiskali għall-persuni kollha li jħallsu t-taxxa, wara perijodu ta' koeżistenza. Barra minn hekk, ta' min jistħarreġ l-effetti ta' din il-baży fiskali fuq ir-rati ta' taxxa, billi l-firxa tagħhom għandha mnejn tikber. F'dak il-każ, tista' tiġi stabbilita rata minima.

Il-Kumitat jidhirli li l-ġlieda kontra l-frodi fiskali għandha tkun prijorità. Fl-aħħarnett, jirrakkomanda li l-Kummissjoni ssaħħa il-monitoraġġ tagħha ta' prattiki fiskali f'ċerti rifuġi fiskali.

– **Persuna ta' kuntatt:** is-Sur José Miguel Cólera Rodríguez
(Tel.: 00 32 2 546 96 29 – posta elettronika: josemiguel.colerarodriguez@eesc.europa.eu)

- ***Id-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat***

Opinjoni tal-Kategorija Ċ

– **Referenzi:** COM(2007) 587 finali – CESE 1716/2007

– **Persuna ta' kuntatt:** is-Sinjura Imola Bedo

(Tel.: 00 32 2 546 83 62 – posta elettronika: imola.bedo@eesc.europa.eu)

12. STANDARDS KOMUNITARJI

- ***Unitajiet ta' kejl***

– **Rapporteur:** is-Sur Cassidy (Min Ihaddem – UK)

– **Referenzi:** COM(2007) 510 finali – 2007/0187 COD – CESE 1694/2007

– **Persuna ta' kuntatt:** is-Sinjura Claudia Drewes-Wran

(Tel.: 00 32 2 546 80 67 – posta elettronika: Claudia.dreweswran@eesc.europa.eu)